# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 9**

**Citazzjoni numru 1680/01 LSO**

**Emanuel Fenech u b'digriet tat-3 ta' Jannar 2007,**
**l-atti tal-kawza ghaddew mill-persuna**
**tal-attur Emanuel Fenech ghall-persuna ta' Maria armla**
**mill-imsemmi Emanuel Fenech u Salvatore Fenech,**
**Concetta Micallef, Josephine Fava u Mary Rose Attard,**
**ahwa Fenech u dan stante l-mewt**
**tal-attur fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Omar Zammit**

**Preliminari**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-26 ta' Settembru 2013 li qed tigi riprodotta ghal ahjar intendiment:

**"I. <u>PRELIMINARI.</u>**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 23 ta' Ottubru 2001 fejn espona:-

"Illi nhar l-1 ta April 2000 gewwa Great Siege Road, Floriana waqt li l-attur kien qieghed jsuq l-vettura tieghu tal-marka Mini Minor Numru DAB-148 waqaf billi kien hemm vetturi ohra quddiemu izda l-vettura li kienet gejja warajh dik tal-marka Lada Numru CAR-745 misjuqa mill-konvenut ma zammetx d-distanza necessarja u baqghet diehla dritt fuq l-parti ta' wara tal-vettura misjuqa mill-attur (Dokument AA).

"Illi konsegwenza ta' din it-traskuragni, negligenza u nuqqas fit-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-attur bata konsegwenzi gravi u serji u dan sija bi hsara fil-vettura kif ukoll fuq il-persuna tieghu.

"Illi l-gravita` tal-hsara li saret fuq l-attur hija tali li giet certifikata li hija tal-livell ta' sebghin fil-mija (70%) minn Dr Anthony Galea Debono (Dokument AB).

"Illi l-attur permezz ta' ittra ufficjali tal-21 ta Gunju 2000 interpella ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni li huwa sofra izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Jghid il-konvenut ghaliex din l-Qorti ma ghandhiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-incident tat-traffiku li gara nhar l-1 ta April 2000 gewwa Great Siege Road, Floriana bejn l-partijiet li kienu qed isuqu lil rispettivament vetturi Numri DAB-148 u CAR-745 sehh tort uniku tal-konvenut u dan minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
>
> "2. Tinnomina okkorendo periti nominandi sabiex jillikwidaw id-dannu li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-incident.
>
> "3. Thallas lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata konsegwenza tal-hsara kkagunata fl-imsemmi incident tat-traffiku.

"Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000 u bl-imghax legali mill-1 ta' April 2000 il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

"Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2002.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Omar Zammit datata 28 ta' Dicembru 2001 (fol 18) fejn espona:-

> "1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez li l-esponenti mhuwiex

responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur kif allegat fic-citazzjoni.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Dr. Norbert R. Vella pprezentat fis-16 ta' Jannar 2004 (fol 152).

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Emanuel Fenech (277426 M) datata 9 ta' Jannar 2006 (fol 188).

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut datata 1 ta' Marzu 2006 (fol 195).

"Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversmaent presjeduta fejn fis-7 ta' Marzu 2006 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2006.

"Rat ir-rikors ta' Maria Fenech, Salvatore Fenech, Concetta Micallef, Josephine Fava u Mary Rose Attard datata 4 ta' Dicembru 2006 (fol 208) fejn talbu lill-Qorti tawtorizzahom sabiex jassumu l-atti kollha tal-mejjet Emmanuel Fenech fil-proceduri tal-kawza odjerna; u l-Qorti laqghet it-talba.

"Rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta inkluz dak tas-27 ta' Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Marzu 2013.

"Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Camilleri ghall-attur, il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Dr. Camilleri ddikjara illi jirrimetti ruhu ghall-atti. Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Settmebru 2013.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## "II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### "<u>(i) MERTU TAL-KAWZA.</u>

"Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni *bumper to bumper* li grat nhar il-1 ta' April 2000, gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, bejn vettura tal-marka mini minor Reg. Nru:DAB –148 misjuqa mill-attur, u l-vettura tal-marka Lada Reg. Nru: CAR – 745 misjuqa mill-konvenut. B'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur jallega li sofra diversi danni fosthom dizabbilita` permanenti u dan tort unikament tal-konvenut.

"Illi l-konvenut min-naha tieghu jichad li l-incident sar tort tieghu.

"Is-**Surgent Kenneth Brignano** ikkonferma dak miktub fil-Police Accident Report. Qal li s-sewwieq tal-vettura DAB 148 kien hass ugiegh mad-daqqa u ttiehed l-Isptar. Iktar tard gie infurmat mill-Isptar li l-attur kien qieghed fil-periklu tal-mewt.

"L-attur miet fil-mori tal-proceduri fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju 2006 (Certifikat a fol. 207 tal-process.)

**"<u>(ii) Apprezzament tal-Provi</u>**

"Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta li l-istess attur kien qed isuq fi Triq L-Assedju l-Kbir, il-Furjana, lejn id-direzzjoni tal-Lukanda Phoenicia, u kien jinsab wieqaf fil-vettura tieghu wara vettura ohra, li wkoll kienet wieqfa. Skont ix-xhieda ta' **Emmanuel Fenech,**[1] il-konvenut, waqt li kien qed isuq vettura fl-istess direzzjoni, habat man-naha ta' wara tal-vettura tal-attur. L-attur xehed ukoll li l-vettura li habtet go fih imbuttat il-karrozza tieghu u habat ma' ta' quddiemu. Mal-habta l-attur baqa' paralizzat u kellu jinhareg mill-vettura minn nies. Ittiehed bl-ambulanza l-Isptar St. Luke's fejn ghamel lejl fl-ITU u sitt ijiem fl-Isptar. Minn hemm haduh fl-Isptar Zammit Clapp fejn dam sa' l-ahhar ta' Mejju 2000.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li kien is-sewqan tal-konvenut li kien il-kawza prossima ta' l-incident, u dan peress li kien qed isuq wara l-vettura ta' l-attur, u li kieku zamm il-*braking distance* misthoqq ma kienx jidhol fil-vettura stazzjonarja tal-attur.

"Difatti minn ezami tal-Police Accident Report, esebit a fol 5 sa 9 tal-process, jista' jigi wkoll ikkunsidrat bhala kaz ta' "*res ipsa loquitur*" fejn huwa, allura, l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu. Dan gie tenut fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia"** (P.A. (RCP) u fil-kawza **"Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri"** (P.A. RCP-7 ta' Dicembru 2000), fejn il-Qorti sostniet li "l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' *"prima facie"* li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor. (Ara wkoll-**"John Formosa noe vs Joseph Zammit"-**F.G.C. 30 ta' April 1993; **"Charles Tonna vs Joseph Cassar"-**A.C. 14 ta' Mejju 1971; **"Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo"-**A.C. 5 ta' April 1971).

"Illi f'dan il-kaz ma hemm ebda indizju ta' prova li jiggustifika l-komportament tal-konvenut, li lanqas ta x-xhieda tieghu. Il-verzjoni tal-fatti li kien ta lill-Pulizija *a tempo vergine* jirrizulta mill-Police Accident Report : "*The car in front of him suddenly stopped and he hit him on the rear."* Is-**Surgent Kenneth Brignano**[2] li kien mar fuq il-post tal-incident, xehed li l-konvenut qallu li kienu qed isuqu bil-mod wara xulxin

[1] Seduta tat-18 ta' Frar 2002.
[2] Xhieda moghtija fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2002.

peress li kien hemm traffiku. Qabdu jimxu l-karrozzi wara xulxin. Omar Zammit prova jhoss il-*brake* pero` ma waqafx fil-hin.(sottolinear tal-Qorti). Is-sewwieq tal-karrozza ta' quddiem Numru-QNK 154 qal li kien ghaddej fil-*flow of traffic* u hass id-daqqa minn wara. **In kontro ezami** qal li probbabilment il-vettura tal-attur lanqas kellha *seat belt* ghaliex kien van mill-antiki izda ma setax jghid fic-cert.

“Huma jnizzlu l-hsarat kollha fir-rapport li kopja tieghu hija esebita a fol 5-9 tal-process u avveraw hsarat fil-vetturi CAR 745 u QNK 154. Jekk kien hemm hsarat fil-vettura ta' l-attur dawn kienu jikkonsistu fi ftit brix. Bhala habta kienet *bumper to bumper collision* u hsarat kienu minimi.

“Ikkonsidrat anke *in vista* tax-xhieda tal-Kirurgu Anthony Galea Debono li l-fattur tas-*seat* belt u l-grad minimu tal-hsarat fil-vetturi involuti ma jbiddel xejn mill-konkluzjoni ta' din il-Qorti dwar l-obbligu li jinkombi fuq kull sewwieq li jzomm *proper braking distance*. Skont il-Kirurgu Galea Debono[3] mistoqsi jekk il-fatt li persuna tkun liebsa *seat belt* jaffettwax ukoll il-konsistenza tal-*whiplash injury* wiegeb li "*ma nafx b'xi studji li jaffettwaw jew sabu li jaffettwa x-xewka tad-dar pero` naf illi kienu saru xi studji dwar impatti mar-ras. Il-griehi li kkonstatajt fil-kaz tas-Sur Fenech kienu jaffettwaw ic-cervical spine tieghu*." In-nuqqas *o meno* tal-attur li jilbes is-*seat belt* ma kienx fattur kontributorju ghall-incident. *Inoltre* l-kirurgi li xehdu f'dan il-kaz kif ukoll l-Espert Mediku Dr. Norbert Vella, ikkonfermaw li l-gravita' ta *whiplash injury* ma jiddependix fuq is-sahha tal-habta.

“Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* ghaliex wera nuqqas ta’ prudenza u diligenza fis-sewqan tieghu, liema nuqqas wassal ghall-korriment ta' l-attur Emmanuel Fenech. Ta' dan ghandu jirrispondi *ai termini* tal-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili.

“L-attur ipproduca bhala xhieda lil martu u lir-ragel ta' bintu[4], kif ukoll lit-Tabib Jean Pierre Farrugia, li kien it-tabib tieghu ghal bosta snin, u lill-Kirurgi Anthony Galea Debono u Johanna Van't Verlaat.

“Mix-xhieda ta' l-attur[5], kif korroborata mix-xhieda ta' martu, Mary Fenech[6], Joseph Attard, u Dr Jean Pierre Farrugia[7], jirrizulta li l-attur, minnkejja l-eta' tieghu ta' 74 sena, kien bniedem attiv, b'sahhtu, u li ma kellux bzonn ghajnuna biex jaqdi l-affarijiet tieghu - kien jghix hajja attiva u normali - sahansitra kien qghadu jmur kuljum fil-pompa tal-petrol tieghu mis-sighat bikrija ta' filghodu sa tard filghaxija. Huwa kien pensjonant u ma kienx jahdem bi qligh. L-appartament fejn jghix jinsab fir-raba' sular u kien hemm madwar 70 targa biex jasal ghalih. Wara l-incident, il-hajja tieghu inbidlet mil-lejl ghan-nhar. Mal-habta kien

---

[3] Seduta tal11 ta' Frar 2003.
[4] Seduta tas-27 ta' Mejju 2003 a fol 141 tal-process.
[5] Seduta tat-18 ta' Frar 2002.
[6] Seduta tas-27 ta' Mejju 2003
[7] Seduta tal-24 ta' Mejju 2002

paralizzat u ghalkemm biz-zmien gie li seta' jimxi, dan sehh bi tbatija, u baqa' jsofri debilita' f'idejh u f'riglejh tant li kellu bzonn l-ghajnuna anke biex iqum minn bil-qegdha, kif ukoll ghall-bzonnijiet intimi tieghu. It-tarag kienu jirraprezentaw ostakolu kbir in kwantu li kellu jitla' bil-mod, indana, indana, u bl-ghajnuna. Martu, li kellha madwar 70 sena, spiccat iddur bih.

**“Emmanuel Fenech,** zied jghid li kien baqa' jaghmel il-fizjoterapija li jiswilu Lm6.50 is-siegha. Qabel dan kien isir fl-Isptar Zammit Clapp u kellhom iwassluh hemm, izda wara, dawn is-sessjonijiet kienu qed isiru d-dar tieghu.

“It-Tabib **Jean Pierre Farrugia** li kien ilu s-snin jara lill-attur ghall-*check ups* perjodici, qal li "*L-istat ta' sahhtu fiziku u mentali kien hafna ahjar milli ta' ragel ta' 70 sena*." Wara l-incident l-attur kellu hafna komplikazzjonijiet ghaliex kellu *cervical spine injury* u dahal fid-dettal dwar x'kien qed isofri u spicca f'hafna tbatija u fejn qabel l-incident l-attur ma kienx qed jiehu medicini, wara l-incident kellu jippreskrivilu *anti-depressants* u *anxiotics* ghaliex mar lura anke mill-istat mentali tieghu. Ipprova jghin biex jinkiseb *stair lift* biex jiffacilita l-access, u **Joseph Attard** esebixxa stima sabiex dan jigi stallat[8] izda peress li jirrizulta li l-attur miet fil-mori, l-htiega ta' tali spiza giet superata.

“Xehed il-**Kirurgu Anthony Galea Debono**[9] u qal li ra lill-attur f'Lulju tas-sena 2000. Rah xi tlieta jew erba' darbiet ohra sussegwenti. Ikkonferma c-certifikat li rrilaxxja esebit a fol. 10 sa 13 tal-process datat l-10 ta' Awwissu 2000 bhala l-ahhar rapport li ghamel fuq l-attur ( **Dok. AB).**

“In **Kontro-Ezami** kkonferma li l-attur garrab *whiplash injury* u l-kondizzjoni tal-attur li kkonstata fir-rapport tieghu baqghet l-istess sad-data li rah l-ahhar, li kien f'Novembru 2002. Qal li "*Sakemm is-Sur Fenech ma kellux diga' problema strutturali fl-ghonq qabel l-incident allura f'dan il-kaz nista' nattribwixxi dak kollu li sar bhala rizultat tal-incident."*

“Jista' jkun li *whiplash injury* ikun kompatibbli ma' habta kbira izda fil-kaz ta' kull individwu jiddependi hafna mill-iskoss li jiehu meta jaqla' d-daqqa.

“Rigward il-percentwali ta' dizabbilita' ta' 70% ikkonstatat minnu fir-rapport imsemmi, qal li kieku l-attur kien izghar xorta kien jikkonkludi li kien hemm l-istess percentwali ta' dizabbilita'.

“Xehdet ukoll il-Kirurga **Johanna Van't Verlaat**[10] li qalet li "*Whiplash injury means that he couldn't move neither his upper limbs nor his lower limbs so he is completely paralysed indicating there was a*

[8] Fol 138 tal-process **Dok.BBD 20**
[9] Seduta tal11 ta' Frar 2003.
[10] Seduta tal-11 ta'Frar 2003

*problem with his cervical spinal cord...even movement of this thorax was limited because of his neurological lesion in his cervical cord....he was completely paralysed."* Hi operat darba fuq l-attur fit-23 ta' April 2000.

"L-attur kellu kondizzjoni pre-ezistenti li hija genetika fil-populazzjoni Maltija u li rriskontratha spiss fil-prattika taghha f'Malta, u li, minghajr l-incident, probabbilment ma kienx jikkagunalu problemi. Izda "*It is a pre-existing narrowness of the spinal canal which made his spinal cord much more vulnerable to the whiplash trauma."* Hemm nies li sofrew *whiplash trauma* minnkejja li kellhom *spinal cord* wiesa.

"Murija id-*Discharge Summary*[11] qalet li ma kenitx taf b'dak li kien imnizzel mit-tabib, izda jekk l-attur kellu problema pulmonarja, dan ma kienx jeffettwa l-*ispinal cord* u l-informazzjoni dwar din il-kondizzjoni li kellu ma kenitx importanti *ai fini* tal-operazzjoni li ghamlet fuqu.

"Hi qalet ukoll li b'kagun tal-incident, *"the spinal cord was crushed....just because of the movements and it got easily crushed because his canal was narrow."* Dan ma setax gie ikkagunat wara l-incident minnhabba li l-attur gie rimoss meta inhareg mill-vettura biex jittiehed l-Isptar. Il-fatt li kien hemm hsarat minuri fil-vetturi ma kienx rilevanti "*because if with minor damage you could make quite some brisk movements with your neck then his spinal cord is much more vulnerable than normal."* Hi kienet certa li l-kontuzjoni li ssubixxa l-attur kien b'rizultat tal-habta.

**"RAPPORT TAL-KIRURGU NORBERT VELLA[12]**

"Il-Qorti fil-kors tal-proceduri hatret lill-kirurgu Norbert Vella bi qbil bejn il-partijiet.[13] Wara li ezamina l-attur u ghamel l-kostatazzjonijiet tieghu kkonkluda li l-attur, wara it-trapass ta' circa 3 snin wara l-incident, kien lahaq "*his maximal medical improvement."* Jirrizulta wkoll mir-rapport li f'Dicembru 2001 hu spicca fuq "*his outstretched left arm"*. Il-kondizzjoni tieghu baqghet tidderjora minn dak iz-zmien.

"Hu kkonkluda li l-attur isofri rata ta' dizabbilita' permanenti ta' 67%. Hu spjega li dan jirrifletti is-segwenti:

> ""*the patient's cervical radiculopathy puts him in a DRE (diagnosis-related estimate) cervical category V carrying a* **38% impairment of the whole person**.The gait disturbance is a result of corticospinal tract involvement indicated a **class 3 whole person impairment of 39%.** The limitation of neck movement tields a **13% impairment of the whole person."**

[11] **Dok. JVV a fol. 108 tal-process.**
[12] esebit a fol.151 tal-process.
[13] Digriet tal-21 ta' Ottubru 2003 a fol. 143 tal-process.

“Xehed **in eskussjoni**[14] li t-tipjip ma kellu ebda effett fuq il-kondizzjoni newrologika tal-attur. Kien ibaghti minn *arthritis,* li hu mistenni minhabba l-eta' tieghu, u din kellha "*effett importanti ghax meta wiehed jibda jikber fl-eta' u jkollu dik it-tip ta' arthiritis, dik it-tip ta' degenerazzjoni, l-ghadam jibda jihxien, u tibda tissikka fuq is-sinsla u anke minn nervituri li hergin minn gos- sinsla. Jekk ma jigri xejn mhux problema, imma xi hadd li jkollu trawma li r-ras tingibed ‘il quddiem u lura bis-salt, ..ovvjament it-tessuti jitbenglu."* Ma kienx possibbli li jasal ghall-kalkolu tal-percentwali ta' disabbilita fuq l-ipotezi jekk l-attur ma kienx ibaghti mill-artrite....*trid tara r-rizultat u id-dizabbilita' fuqu.*"

“Kien ezaminah f’Gunju 2001 ghaliex intalab jaghti *second opinion*. Dak iz-zmien sab li kellu nuqqas ta' forza f'idejh taz-zewg nahat u problemi biex jimxi, peress li kellu ebusija f'riglejh minhabba l-fatt li n-nervituri li mill-ghonq kienu nizlin fir-riglejn kienu kompromessi. Hu spjega li l-hsara fis-sinsla tista' tizviluppa anke minghajr incident bhal waqa' f'persuna tal-eta' tal-attur. Il-waqa' setghet saret ghaliex kien qed jimxi hazin. Ma setax johrog percentwali ta' dizabbilita' konklussiva abbazi ta' dak li ra meta ezaminah qabel il-waqa' peress li xorta dan kien kmieni wara l-incident aparti li ma ntalabx jaghmel hekk. "*Probabbilment bil-waqa' saret iktar hsara.*" Madanakollu ikkalkula abbazi tan-notamenti li kien ghamel f'Gunju 2001, li l-hsara tas-*cervical radiculopathy* lahaq 34% "**for the whole person."**

“Hu afferma li hija normali li aktar ma nikbru fl-eta l-artrite iktar tigi tidher."*Li nista' nghid hu li kien qed isuq u imbaghad xi ftit sieghat wara kien kwazi paralizzat minn ghonqu 'l isfel. Ma kien hemm ebda dubju li dan kien hemm trawma li kkawzat bidla hesrem fl-istat tal-individu."*

“Il-waqa' ikkontribwiet ghaz-zieda minn 34% ghal 67% dizabbilita' izda mhux wahidha. "*Ma tistax tghid li 33% (differenza bejn 34% u 67%) minhabba l-waqa'. Il-waqa' setghet ikkontribwixxiet ghal 33% aktar imma nista' nghidlek ukoll li parti minn dik it-33% ma kellha x'taqsam xejn mal-waqa' u huwa biss l-effett 'post-operative' minnhabba l-iscar tissue etc. B'ebda mod ma tista' tiddetermina 'what's what'- impossibbli....wiehed izomm f'mohhu li wara t-trawma l-'arthritis' tizdied mhux tonqos, jigifieri hemm hafna fatturi li jikkontribwixxu. Ma tistax tiftiehem u tghid 'mela dan 5%, dan 10%. Kwazi mpossibbli taghmel hekk. <u>Lanqas tista' tghid li minhabba l-waqa' hemm differenza ta' 34%."</u>*(Sottolinear tal-Qorti).

“Skont ix-xhud l-attur gja kellu n-nervituri imrassin u jekk "*tiehu skussjatura, il-hsara ser tkun enormi, jigifieri anke 'trivial injury' tista' tikkawza hsara enormi."*

**“(iii) <u>ID-DRITT.</u>**

[14] Seduta tas-16 ta' Gunju 2004.

“Illi ghal dik li hija responsabbilta’ tal-incident *de quo* l-ligi tiddisponi li kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha; u jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja **(Art.1031u 1032** Kodici Civili).

“Illi *ai termini* tal-**artikolu 1033 Kodici Civili** "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diliġenza, ta’ prudenza jew ta’ ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f’hekk*."

**“L-Artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, li jipprovdi li *"il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha....hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta’ jgib”.*

“Fis-sub-artikolu (2) insibu li "*Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita’ mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

“Skont il-ligi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam ghalhekk f’żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens)* u t-telf ta’ qligħ futur *(lucrum cessans).* (**“Anthony Zerafa vs Joseph Sacco”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Marzu 2001).

“Fil-kaz odjern, l-attur kellu 74 meta sehh l-incident. Kien pensjonant u ma kienx qed jahdem ghalkemm kien baqa' jinzel sal-pompa tal-petrol biex jghin lil ibnu kuljum. Minhabba l-korriment kellu jiddependi fuq martu, mara anzjana ta' 70 sena biex iddur bih u ghal ghajnuna f'kollox. Id-difensur tal-konvenut isostni li m'ghandhomx jigu likwidati danni bhala *lucrum cessans* peress li ma jirrizulta ebda telf ta' qligh da parti tieghu.

“Izda l-principju li tispira l-Qrati taghna f'materja ta' danni ikkagunati b'att illecitu jew ingust huwa dak enunzjat fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Mejju 1990 fl-ismijiet **“Mario Camilleri vs Mario Borg et noe” (Vol. LXXIV.iii.512)** fejn din il-Qorti diversament presjeduta qalet: *“Il-gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti **tar-realta’** u kemm **huwa possibbli**, terga’ tpoggi lill-vittma, ta’ kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel…Huwa ingust li f’dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ingust ta’ haddiehor mhumiex possibbli, ma tassikurax kemm tista’ kompensazzjoni adegwata.”*

“Difatti l-Qrati taghna illikwidaw kumpens ghal-*lucrum cessans,* fil-kaz ta' persuna li kienet gja dizabbilitata qabel l-incident u li ma kinetx tahdem bi qligh (**"Manwel u Shirley Caruana et.-v-Dr. Tonio Mallia et**

**noe." - P.A. NC deciza fl-20 ta' Marzu 2003),** fil-kaz ta' mara tad-dar ("**Margaret Zammit-v-Heidemann Sportswear Limited - PA GCD 23/11/2001;" Carmelo Zammit et vs George Bezzina et"**-Qorti ta' l-Appell 19 ta' Settembru 1973; **"Nazzareno Apap pro et noe. vs Francis Degiorgio et"** - Qorti tal-Appell 16 ta' Jannar 1984; u **"Elizabeth Grech vs Mario Briffa**" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Frar 1997 (Citaz. Nru 93/94 GCD*);* fil-kaz ta' mara anzjana ta' 65 sena li ma kenitx tahdem ("**Saviour u Violet Sammut-v-Robert Demanuele" - P**.A. GV dec. fit-12 ta' Lulju 2002 f'liema sentenza il-Qorti applikat *multiplier* ta' tmien snin); fil-kaz ta' eredi ta' ragel li miet f'incident ta' l-eta' ta' 82 sena, fejn dak li gie ezaminat kienu l-istess drittijiet li kien ikollha l-vittma li kieku baqa' haj. ("**Carmela Attard, armla minn Gregory sive Gori Attard et. v Stephen Micallef " deciza fid-29 ta' Mejju 2002).**

"Fil-kaz fl-ismijiet "**Joseph u Tereza Galea et-v-Charles Fenech"** (App. Civ. - Deciz fis-16 ta' Marzu 2004), il-Qorti fl-ewwel istanza kienet ikkunsidrat li "*Meta gara l-incident l-attur kellu 74 sena bi dhul ta' Lm2176 fis-sena percepibbli mill-pensjoni tas-sigurta` socjali u mill-British Pensions Office. Ghalkemm huwa xorta se jibqa' jippercepixxi l-pensjoni tieghu, xorta jrid isir kalkolu tat-telf ta' qligh futur peress li anke jekk wiehed jikkunsidra l-ispejjes zejda li jkollu jaghmel minhabba d-dizabbilita` tieghu dawn ifissru qligh inqas ghalih f'sitwazzjoni fejn ir-restrizzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' att ingust ta' haddiehor mhumiex possibbli."* Dik il-Qorti applikat *multiplier* ta' 10 snin, li, izda gie ridott fl-istadju ta' l-appell fejn il-Qorti ikkunsidrat li "*jkun aktar xieraq li l-"multiplier" jigi ridott ghal perjodu aktar realistiku li fic-cirkostanzi u partikolarment bil-mewt tal-istess attur appellat f'Jannar 2002, u cioe` tmien snin wara l-akkadut*".

"Fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Attard, armla minn Gregory sive Gori Attard et. v Stephen Micallef** fuq citata, il-Qorti lanqas applikat il-*multiplier* u rragunat li "tenut kont illi l-bniedem fiz-zminijiet tallum qed ighix izjed dovut principalment ghall-avvanzi li saru fil-medicina, tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' hamest elef lira (Lm5000) u dan minghajr ebda referenza ghall-applikazzjoni ta' *multiplier* anke minhabba l-eta` avvanzata tal-istess persuna."

**"Fil-kawza fl-ismijiet "Manwel u Shirley Caruana et.-v-Dr. Tonio Mallia et noe."** ukoll fuq citata, l-attrici kienet:

> *""tqum u toqghod fis-sodda, imma l-maggjoranza tal-gurnata kienet tghaddiha fis-sodda"* Il-Qorti stess ikkunsidrat li ma kienx il-kaz li d-danneggjata minhabba d-dizabbilita` permanenti li sofriet kien ser tbati telf ta' qligh ta' flus minhabba li ma setghetx tahdem jew tkompli tahdem.
>
> *"Din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel* ***estimu ekwitattiv****, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji*

> *imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' apprezzament realistiku li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghar mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju* ***jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant*** *fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz."(*Prim Awla – "**Carmelo Muscat v Francis Schembri et"-** per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72) (enfasi ta' din il-Qorti).

"Il-Qorti osservat li "*pretensjoni ta' din in-natura tistimula l-kwistjoni jekk dawn it-tip ta' danni jidhlux fl-ambitu tan-nozjoni ta' 'telf ta' qligh' kif koncepita fl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili*" u rriferiet ghal dak li gie tenut fil-kaz " ***Carmela Busuttil v George Micallef"-(***Q.A. dec. fil-15 ta' Frar 1957) u cioe', wara li osservat li l-artikolu 1088 (illum 1045) tal-Kodici Civili ma jaghtix dritt ta' indenniz ghall-inkapacita' *ut sic*, imma ghall-inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh, tal-interpretazzjoni wiesgha ta' din il-frazi fis-sens li din ghandha tkopri wkoll dawk l-ispejjez li d-danneggjata kien ser ikollha taghmel mill-qligh taghha minhabba d-dizabbilita` li sofriet.

"Ikkonkludiet ghalhekk li "*in propositu ghall-applikabbilita' tal-Artikolu tal-ligi in disamina; il-qligh tal-attrici hu rapprezentat b' dak li tircevi minn ghand il-Gvern, u ghalhekk, jekk dan il-qligh jigi mnaqqas minhabba xi spejjez li jkollha taghmel in konsegwenza tal-infortunju, dak hu telf ta' qligh"* ***(Vol.XLIB.1.101 – 1957).***

"Stabbiliti dawn il-principji, il-Qorti mhiex konkordi mas-sottomissjoni tal-konvenut u ser tghaddi biex tillikwida kumpens ghal-*lucrum cessans* anke fil-konfront ta' l-attur kif ser jirrizulta iktar il-quddiem.

**"(iv) DIZABBILITA`**

"Il-konvenut issottometta li kien hemm diversi fatturi li setghu hallew l-effett taghhom fuq id-dizabbilita' li sofra l-attur.

**"Il-Habta kienet minima**

"Ix-xhieda tal-konsulenti u tal-espert mediku hija konkordant li l-attur sofra *whiplash injury* minhabba l-incident in kwistjoni.[15] Hekk xehed il-**Kirurgu Anthony Galea Debono**[16] li rah f'Lulju 2000 u baqa' jarah sas-sena 2002 fejn qal "*Sakemm is-Sur Fenech ma kellux diga' problema strutturali fl-ghonq qabel l-incident allura f'dan il-kaz nista' nattribwixxi dak kollu li sar bhala rizultat tal-incident."*

"Kemm hu, kif ukoll il-kirurga **Johanna Van't Verlaat**, li operat fuq l-attur, qablu li d-danni subiti mhux bilfors ikunu kkagunati b'habta b'sahhitha u "fil-kaz ta' kull individwu jiddependi hafna mill-iskoss li jiehu meta jaqla' d-daqqa." (xhieda Anthony Galea Debono). Dan gie kkonfermat mill-espert mediku Dr. Norbert Vella li qal jekk "*tiehu*

[15] Ara xhieda tal-kirurgi Anthony Galea Debono u Johanna Van't Verlaat fis-seduta tal-11 ta' Frar 2003.
[16] Seduta tal-11 ta' Frar 2003.

*skussjatura, il-hsara ser tkun enormi, jigifieri anke 'trivial injury' tista' tikkawza hsara enormi."*

**"*Safety Belt***

"Il-konvenut sostna li l-fatt li l-attur ma kienx liebes ***safety belt*** kien fattur determinanti u kontributorja ghall-griehi li sofra. Il-Qorti mhix konvinta b'din it-tezi. Wiehed irid jiftakar li l-habta giet minn wara, u bl-impatt, dak li jkun jinstabat lura. F'din ic-cirkostanza, is-*safety belt* ftit li xejn ser tghin. Aparti dan, kif xehed il-kirurgu Galea Debono "*ma nafx b'xi studji li jaffettwaw jew sabu li jaffettwa x-xewka tad-dar pero` naf illi kienu saru xi studji dwar impatti mar-ras. Il-griehi li kkonstatajt fil-kaz tas-Sur-Fenech kienu jaffettwaw ic-cervical spine tieghu*." Allavolja ma kienx espert inkarigat mill-Qorti, huwa ben kwalifikat biex jaghti opinjoni fil-materja u l-Qorti m'ghandha ebda raguni biex tiskarta x-xhieda tieghu fuq dan il-punt.

**"Eta'**

"Fattur iehor li l-konvenut iddeduca favur tieghu kien dak tal-eta` avvanzata tal-attur li kellu 74 fid-data tal-incident. Skont il-kirurgu **Galea Debono** "kieku l-attur kellu inqas eta' xorta kien jikkonkludi li kien hemm l-istess percentwali ta' dizabbilita'." Anke fuq dan il-punt, l-eta` tal-vittma kien dak li kien. Il-konvenut ghandu jwiegeb ghall-konsegwenzi ta' ghemiltu indipendentement mill-eta` tal-vittma tal-incident.

**"Kondizzjoni Medika Pre-ezistenti**

"Irrizulta mix-xhieda ta' **Johanna Van't Verlaat** u anke minn dokumenti esebiti li l-attur kien isofri minn kondizzjoni pre-ezistenti billi kellu l-kanal cervikali risrett. Skont ix-xhud, din il-kondizzjoni tigi riskontrata fost il-Maltin u hija genetika. Din il-kondizzjoni taghmlu iktar vulnerabbli ghall-*whiplash trauma* u qalet li <u>b'kagun tal-incident</u>, *"the spinal cord was crushed....just because of the movements and it got easily crushed because his canal was narrow."* Eskludiet bl-iktar mod kategoriku li d-dannu seta' gie kkagunat meta l-attur inhareg mill-karrozza.

"Skont l-Espert Mediku l-attur kien ukoll qed ibati mill-artrite li setghet kellha effett fuq it-trawma li sofra izda "*Mhuwiex possibbli li jasal ghall-kalkolu tal-percentwali ta' dizabbilita fuq l-ipotesi jekk l-attur ma kienx ibaghti mill-artrite trid tara r-rizultat u id-dizabbilita' fuqu*."

"L-espert gabar il-kawzalita bejn l-incident u t-trawma fis-segwenti kliem li din il-Qorti ma tistax ma taqbilx maghhom:

> *""Li nista' nghid hu li kien qed isuq u imbaghad xi ftit sighat wara kien kwasi paralizzat minn ghonqu 'l isfel. Ma kien hemm ebda dubbju li dan kien hemm trawma li kkawzat bidla hesrem fl-istat ta' l-individu."*

**"Percentwali ta' Dizabbilita` applikabbli**

"It-Tabib Anthony Galea Debono, li ezamina lill-attur ftit xhur wara l-incident, ikkwantifika il-grad ta' dizabbilita' bhala 70%. L-espert Mediku mahtur mill-Qorti, Dr. Norbert Vella, sab percentwali ta' dizabbilita` ta' 67% **for the whole person.**

"Mitlub biex jispjega din id-diskrepanza, qal li dan kien dovut ghall-fatt li l-Kirurgu Galea Debono kien rah fi zmien vicin tal-incident izda li meta rah hu, kien lahaq "***his maximal medical improvement."***(enfasi ta' din il-Qorti.)

"Madanakollu jirrizulta mir-rapport tieghu, li f'Gunju 2001 kien invista lill-attur. Dak iz-zmien ma kienx mitlub li jikkalkula r-rata ta' dizabbilita' izda fuq in-notamenti tieghu, seta' jipotetizza li dak iz-zmien ir-rata ta' dizabbilita' kienet ta' 34% **for the whole person**.

"L-attur qallu li kellu waqa' f' Dicembru 2001. Din il-waqa' skont l-espert, wasslet ghad-deterjorazzjoni tal-attur sakemm rah u sablu percentwali ta' 67%.

"Madanakollu ma setax jasal fic-cert li jqassam id-differenza fil-grad ta' dizabbilita' qabel u wara l-waqa' bejn fatturi differenti. Id-deterjorazzjoni ma kenitx dovuta biss ghall-waqa' imma ghall-effetti li ssubixxa *post operative* bhal "*scar tissue etc"*.

"Il-Qorti tifhem li d-dizabbilita` li sofra l-attur kienet kagun tal-incident. Bhala konsegwenza, l-hajja tal-attur inbidlet mil-lejl ghan-nhar. Filli kien bniedem attiv u b'sahhtu, li kien imur sal-pompa tal-petrol tieghu kuljum, mis-sighat bikrija ta' filghodu sa tard fil-ghaxija, filli sar ghal kollox dipendenti fuq martu, mara ta 'l fuq minn 70 sena, u fuq uliedu ghall-bzonnijiet kollha tieghu inkluzi dawk intimi.

**"Ikkonsidrat** li l-espert mediku ma setax bil-konvinciment jasal biex jikkwantifika rata differenti ta' dizabbilita' anke tenut kont tal-effetti deletirji tal-waqa' li kellu l-attur. Hu seta' biss jikkonstata ir-rata fuq dak li ra meta ezamina lill-attur. F'Gunju 2001 ma kienx gie nkarigat biex jikkalkula rata ta' dizabbilita' u kellu jirreferi ghall-notamenti tieghu, li, kif spjega, ma sarux b'dan l-intendiment. Anzi qal li kieku talbuh l-opinjoni tieghu dak iz-zmien dwar il-percentwali applikabbli, kien jghid li kien kmieni wisq biex jasal ghaliha. Ghalhekk rata ohra tkun fittizja u spekulativa. Il-Qorti ma tistax tibbaza l-konkluzjoni taghha fuq ipotesi imma fuq l-istat attwalment riskontrat tal-attur mill-Espert. Wiehed ma jistax jinjora l-fatt li t-tobba kollha riskontraw fl-attur diffikulta' kbira fil-mixi tieghu (*spastic gait)* u huwa anke ragjonevoli li seta' waqa' minnhabba din id-diffikulta', konsegwenza tal-korriment tieghu.

"Ghalhekk ser taddotta bhala taghha r-rapport tat-Tabib Vella u taccetta l-konkluzjoni li l-attur sofra percentwali ta' dizabbilita' ta' 67% minhabba l-incident in kwistjoni.

**"(v) <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>**

**"(a) *Damnum Emergens***

"Ikkonsidrat li l-attur allega li sofra danni kawza tal-incident u esebixxa diversi ricevuti ta' spejjez konnessi mat-terapija kif ukoll xi ingerenzi konsistenti fi spejjez fir-residenza tieghu li kienu bzonjuzi. Ghalkemm mhux kollha gew ikkonfermati bil-gurament minn min irrilaxxjahom, dawn ma gewx ikkontestati u l-Qorti ser taccettahom bhala prova tal-ispiza. Dawn jammontaw ghall-Lm899.89 ossia €2096.17

"Peress li l-attur miet fil-mori u ma giex stallat *stair lift*, it-talba ghall-ammont biex ikopri din l-ispiza hija superata.

"Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida l-ammont ta' elfejn u sitta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€2,096.17) bhala *damnum emergens.*

**"(b) *Lucrum Cessans***

"L-attur ma pproduca ebda dokument li juri r-rata w il-kategorija tal-pensjoni li kienet applikabbli ghalih. Il-Qorti tifhem li kien *self employed* tul il-hajja lavorattiva tieghu in kwantu li kellu pompa tal-petrol fi Triq il-Kurcifiss, il-Furjana li sussegwentement ghaddiet f'idejn ibnu. Madanakollu, fl-assenza ta' prova konkreta tar-rata ta' pensjoni percepita, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-applikazzjoni ta' rata bhala bazi ta' kalkolu bis-sistema tal-*multiplier.* Izda ghandha l-obbligu li taghmel estimu ekwitattiv tenut kont il-gravita' tal-korriment subit, kif espress fil-percentwali ta' dizabbilita', u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment li b'konsegwenza tal-incident, l-attur sofra menomazzjoni radikali fil-kapacita' fizika u anke emottiva tieghu sakemm miet fis-sena 2006.

"Ghaldaqstant din il-Qorti ser tillikwida bhala kumpens ghall-*lucrum cessans,* is-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000).

"It-total likwidat bhala danni favur l-attur li ghandu jithallas lill-eredi tieghu huwa ta' sittax-il elf u sitta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€16,096.17).

**"III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa'** it-talbiet tal-attur u :-

"1. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli tal-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza;

"2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-incident fl-ammont ta' sittax-il elf u sitta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€16,096.17); u

> "3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi fil-kwalita` taghhom premessi s-somma hekk likwidata ta' sittax-il elf u sitta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€16,096.17) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.
>
> "L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li qed jitlob biss varjazzjoni tas-sentenza billi l-imghaxijiet ma jkunux komputati mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni izda mid-data tal-istess sentenza; l-atturi pproponew appell incidentali li permezz tieghu qed jitolbu zieda fl-ammont tad-danni akkordati lilhom.

**L-Appell Principali**

Kif inghad l-appell principali jirrigwardja biss il-kwistjoni tal-imghaxijiet u cioe` minn meta ghandhom ikunu komputati. Huwa maghruf li bhala regola generali, *"jista l-principju legali in illiquidis non fit mora. Izda fil-gurisprudenza gie accettat li meta l-ammont ikun indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni [**App.C. Mario Sacco v. Peter Muscat Scerri deciz 31 ta' Jannar 2003].*** **(Saviour Ellul v. Joseph Ellul Vincenti et, deciza mil-Prim'Awla fil-21 ta' Jannar 2005).**

Gie deciz ukoll li "*imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta*

*l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata*. *Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet."* **(Mizzi v. Mizzi, Appell, 30 ta' Gunju 2004).** Fis-sentenza fl-ismijiet **Galea v. Fenech, P.A 16 ta' Jannar 2003** intqal ukoll li *"Huwa minnu li, bhala principju, in illiquidis non contrahitur mora, iżda din il-Qorti tilqa' dik id-dottrina li tghid li dan il-principju jghodd sakemm id-dewmien ma jkunx jahti ghalih id-debitur interpellat."* Gie ukoll ritenut illi *"Il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda ghall-hlas ta' ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun wahda valida b'mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkoll li jkun difficli jekk mhux impossibbli ghalih, li jkun jaf x'inhu minnu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza u sakemm din issir"* (**William Sare nomine v. Carmel sive Charles Sammut** deciza minn din il-Qorti fid-**29 ta' Mejju 1998).**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Simon Spiteri v. Lawrence Farrugia (P.A 27 ta' Gunju 2003)**, intqal li *"Gie minn zmien antik definit u segwit mill-Qrati taghna l-principju "in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa delitoris liquidatio differetur" (Ara sentenzi a* ***Vol. XVIII P II p 431; Vol. XIX P I p 83; Vol. XX P I p 308 u Vol. XXXVI P I p 190).*** *Huma verament ftit il-kazijiet li fihom din il-massima allavolja l-kreditu kien illikwidu ma*

*rcevietx applikazzjoni; ad exemplum, il-kaz meta l-likwidazzjoni ma tkunx saret bi htija tad-debitur, jew fejn bhal fil-kaz riportat* ***a Vol. XXXI P I p 84****, is-sid ikun gie ingustament spoljat mill-haga tieghu. F'dan il-kaz intqal li l-imghax jibda jghaddi minn meta jkun sar l-ispoll. Dan b'applikazzjoni tal-principju daqstant iehor importanti "malitiis non est indulgendum"."*

Imbaghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tat-28 ta' April 2003 fl-ismijiet **John Galdes noe v. Godwin Abela noe** ntqal illi; *"Kif rilevat f'numru ta' decizjonijiet "una volta s-socjeta` konvenuta kienet qed tikkontesta r-responsabilita` ghall-hlas ta' dan l-ammont, hu gust li, bl-applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt, l-imghaxijiet jithallsu minn dakinhar ta' l-interpellazzjoni ufficcjali ghall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri ta' l-att tac-citazzjoni."* ***("Formosa & Camilleri Ltd noe et –v.- Sea Malta Company Limited", Appell, 12 ta' Gunju 2000).***

Fil-kaz in ezami ghalkemm id-dewmien, fil-proceduri sehh minhabba li l-kawza giet differita ghas-sentenza diversi drabi u mhux b'xi azzjonijiet tal-appellanti, il-fatt jibqa' li l-istess appellant ikkontesta <u>anke r-responsabbilita` tieghu ghall-akkadut</u>. Ghalhekk in vista tal-gurisprudenza appena msemmija, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru kif deciz minnha ghaliex altrimenti l-atturi se jkunu privati minn imghaxijiet ghal cirka sittax-il sena

u kif inghad l-istess appellant irrezista l-likwidazzjoni tal-ammont dovut billi ikkontesta r-responsabilita` tieghu ghal hlas.

L-appell principali ghalhekk huwa michud.

**Appell Incidentali**

Fir-rigward tal-appell incidentali, l-appellant irrisponda li dan gie prezentat tardivament u ghalhekk huwa irritu u null. Fil-fatt l-appellanti incidentali taw ruhhom b'notifikati bir-rikors tal-appell fl-14 ta' Marzu 2014 u pprezentaw ir-risposta u l-istess appell incidentali fil-15 ta' April 2015.

Il-procedura tal-appell incidentali hija msemmija fl-Artikolu 240 tal-Kap. 12 u tghid hekk:

> "(1) Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista' mhux biss tagħmel appell inċidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wieħed jew iżjed ta' sentenza, jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, iżda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap tagħha jew digrieti interlokutorji mogħtija fl-istess kawża ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella. Dak l-appell inċidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti. li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-Artikolu 144(1)"

Dan l-Artikolu 144 (1) jghid illi:

> "144. (1) Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom. L-appellant għandu jindika fir-rikors ta' appell il-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qed isir. Ir-rikors ta' appell

> għandu jiġi notifikat lill-partijiet kollha iżda l-partijiet biss li kontra tagħhom isir l-appell għandhom fi żmien għoxrin jum jippreżentaw it-tweġiba li jkun fiha r-raġunijiet għaliex l-appell għandu jiġi miċħud."

Huwa importanti wkoll f'dan il-kuntest l-Artikolu 146:

> "(1) Il-proċedura bil-miktub quddiem il-qorti fi grad ta' appell titqies magħluqa bit-tweġiba għar-rikors, u fin-nuqqas ta' tweġiba, bl-egħluq taż-żmien mogħti għaliha.
>
> "(2) Meta, skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 144, hu mogħti li ssir replika, il-proċedura bil-miktub titqies magħluqa bir-replika u,fin-nuqqas ta' din, bl-egħluq taż-żmien stabbilit għal din ir-replika."

Ma hemmx dubju li l-appell incidentali gie intavolat wara li skada t-terminu msemmi fl-artikoli citati; infatti gie prezentat aktar minn xahar wara li l-appellanti incidentali gew notifikati bir-rikors tal-appell; u kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza deciza fis-6 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**,

> "Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares **ad unguem**, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);** Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tattermini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);"**

Ghaldaqstant huwa evidenti li l-appell incidentali gie prezentat tardivament u allura huwa irritu u null. Ma hemmx ghalhekk lok ta' deliberazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell principali billi tichdu; tiddikjara dak incidentali irritu u null; tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata interament; l-ispejjez tal-appelli a karigu tal-parti illi intavolat l-appell rispettiv taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld